**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet, Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu.**
**(Din it-Taqsima fiha 50 marka.)**

**Ordni Permanenti Nru 15/2018**

**Komunikazzjoni mal-Media**

Referenza qiegħda ssir għad-Direttiva Nru 5 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni rigward kontribuzzjoni lill-midja u kummenti pubbliċi minn uffiċjali pubbliċi, kif ukoll għall-Ordni Permanenti Nru 16/2014.

Filwaqt li l-uffiċjali pubbliċi, bħala membri tal-komunità, għandhom id-dritt li fil-kapaċità personali tagħhom jagħmlu kummenti pubbliċi (dwar affarjiet relatati mal-politika pubblika u kwistjonijiet politiċi) u li jipparteċipaw f'dibattitu politiku fuq kwistjonijiet politiċi, amministrattivi u soċjali, hemm ċerti ċirkostanzi fejn kummenti pubbliċi (dwar affarijiet relatati mal-politika pubblika u kwistjonijiet politiċi) mhumiex xierqa.

Dawn jinkludu:

(a) il-possibbiltà li l-kumment pubbliku, b'xi mod jista' jiġi marbut ma', jew interpretat bħala kumment uffiċjali tal-Gvern jew dipartiment tal-uffiċjal pubbliku; u

(b) fejn il-kumment pubbliku jammonta għal kritika qawwija jew persistenti biżżejjed biex jagħti lok għal interpretazzjoni mill-pubbliku li l-uffiċjali mhux lesti li jimplimentaw jew jamministraw il-politika tal-Gvern tal-ġurnata fil-kuntest tad-dmirijiet tagħhom; u

(ċ) meta l-uffiċjal pubbliku jkun fi Skala 5 jew ogħla.

L-uffiċjali pubbliċi ma jistgħux joħorġu informazzjoni jew dokumenti miksuba tul l-impjieg tagħhom waqt li jkunu involuti f'kummenti pubbliċi fil-kapaċità personali tagħhom. L-uffiċjali pubbliċi ma jistgħux jikkummentaw dwar affarijiet tal-ministeru tagħhom, speċjalment dwar il-qasam partikolari tax-xogħol tagħhom, anke meta dan isir fil-kapaċità personali tagħhom.

Fejn jidħlu intervisti, uffiċjal pubbliku, kemm jekk waqt il-qadi ta' dmirijietu kif ukoll waqt li ma jkunx xogħol, ma jistax jgħaddi kummenti pubbliċi jew jitħalla jiġi intervistat fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw il-politka u l-programmi tal-Gvern, mingħajr il-kisba bil-quddiem ta' awtorizzazzjoni biex isir dan. Talbiet għal dawn l-awtorizzazzjonijiet iridu jiġu sottomessi lis-Segretarju Permanenti tal-ministeru rispettiv.

L-impjegati kollha għandhom jirrispettaw il-proċeduri kollha imsemmija hawn fuq. Azzjonijiet dixxiplarji jittieħdu kontra dawk l-impjegati li ma jirrispettawx il-proċeduri msemmija hawn fuq.



**Mistoqsijiet**

*Għall-mistoqsijiet 1 sa 5 mmarka t-tweġiba t-tajba skont it-test ipprovdut.*

1) Din l-Ordnl Permanenti qiegħda tirreferi:

a) għal Ordni Permanenti Nru 16/2014 biss
b) għal direttiva maħruġa Nru 5 biss
ċ) għal direttiva maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni flimkien ma' Ordni Permanenti maħruġa qabel
d) għal kull direttiva maħruġa qabel. **(5 marki)**

2) Uffiċjali pubbliċi m'għandhomx jagħmlu kummenti pubbliċi rigward materji politiċi:

a) kull meta jiftlilhom
b) f'ċerti ċirkostanzi
ċ) f'każin tal-banda
d) jekk ma jkunux mgħarrfin sewwa. **(5 marki)**

3) It-tieni paragrafu jirreferi għal dibattiti li l-uffiċjali pubbliċi jistgħu jipparteċipaw fihom. Liema minn dawn li ġejjin tissemma speċifikament?

a) Materji ta' natura familjari
b) Problemi razzjali
ċ) Temi ta' ġrajjiet parrokkjali
d) Kwistjonijiet politiċi. **(5 marki)**

4) Rigward informazzjoni jew dokumenti miksuba matul l-impjieg tagħhom:

a) l-uffiċjali pubbliċi għandhom iżommuhom fl-uffiċċju tagħhom
b) l-uffiċjali ma jistgħux jużawhom fil-pubbliku bla awtorizzazzjoni
ċ) l-uffiċjali għandhom jaraw li jaqrawhom sewwa
d) l-uffiċjali m'għandhom jagħmlu użu minnhom qatt. **(5 marki)**

5) Dawk l-uffiċjali pubbliċi li ma jimxux mal-proċeduri:

a) jiġu ddixxiplinati
b) jingħataw rakkomandazzjoni
ċ) jintalbu spjegazzjoni
d) għandhom jitlobu skuża. **(5 marki)**

6) X'tifhem bil-frażi "ċirkostanzi fejn kummenti pubbliċi ... mhumiex xierqa"? **(5 marki)**

7) F'intervisti jista' uffiċjal pubbliku waqt li ma jkunx xogħol jitkellem dwar kwistjonijiet li jolqtu l-politka u l-programmi tal-Gvern? **(4 marki)**

8) Temmen li dawn il-kundizzjonijiet huma meħtieġa? Għid għaliex. **(6 marki)**

9) Meta uffiċjal pubbliku jkun mitlub jieħu sehem f'intervista fuq kwistjonijiet ta' natura pubblika, x'għandu jagħmel? **(6 marki)**

10) X'tifhem bil-frażi "bħala membri tal-komunità"?. **(4 marki)**

Taqsima B

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin. Din it-Taqsima fiha 50 marka. Jekk jogħġbok, indika t-total ta' kliem li tkun ktibt.**

1. Kont għadek kif spiċċajt mix-xogħol. Kont għajjien mejjet sejjer lura d-dar. Minn dar faċċata tiegħek tilmaħ duħħan oħxon u iswed ħiereġ minn waħda mit-twieqi. F'madwar **350 kelma** spjega u għid x'għamilt biex tajt daqqa t'id.

*jew*

2. Kien filgħodu kmieni u kont qed tipprepara biex tmur għax-xogħol. Il-familja tiegħek kienet għadha rieqda. X'ħin kont fil-kċina ħassejt theżżiża kbira u madwarek kollox beda jiċċaqlaq. F'madwar **350 kelma** spjega u għid x'għamilt biex salvajt lill-familja tiegħek.

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL TRIQ SARRIA IL-FURJANA MALTA

# Eżami għall-Pożizzjoni ta' Uffiċjali Korrettivi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** It-Tlieta 13 t'April 2021

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)